Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,398, 2 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 174 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda n-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda n-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda n-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi minn hawn il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465.35.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali. A.L. 173 tal-2020.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "L-Ordni dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-Ordni tal-2020 dwar iż-Żieda fin-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali. A.L. 173 tal-2020.

3. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "l-Ordni dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-Ordni tal-2020 dwar iż-Żieda fin-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi.".